MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 446/2009

**Eliza Company Limited (C 7939)**

**Vs**

**Mario Agius**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu (€4658.75) gia elfejn lira maltin (Lm2000) flus li l-attur silef lill-konvenut, kif jirrizulta min skrittura datata 6 ta' Gunju 2007 (Dok A) u liema somma suppost l-konvenut hallasha lura fl-ahhar ta' Settembru 2007.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imsemmija somma ta' €4658.75 mill-1 ta' Ottubru 2007 sal-gurnata ta' l-effettiv pagament. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzoni.

Wara li rat l-iskrittura msemmija fl-istess rikors u markata Dok A a fol 2 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-20 ta' Ottubru 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Billi in rigawrd it-talba li tirreferi ghal hlas ta' imghax jidher mill-iskrittura esebita li ma kellux jithallas imghax fuq l-ammont misluf u li s-self jidher li kien ta' natura civili u mhux kummercjali u ghalhekk jista' jiddekorri mid-data tal-presentata tar-rikors in esami cjoe it-13 ta' Novembru 2009.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €4658.75 ossija elfejn lira maltin (Lm2000) bl-imghax legali mit-13 ta' Novembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------